Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 338/2008

**Avukat Dottor Peter Fenech, detentur tal-karta tal-identita’ numru 67468M, bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Nokai Corporation.**

**vs.**

**Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud li b’digriet tat-28 ta’ April 2008 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil assenti socjeta` esportatrici YIWU CHINA SMALL COMMODITIES CITY TRADING CO LTD u lill-kunsinjatarju SARL BMF TRADING**.

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' l-Avukat Dottor Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Nokia Corporation datat 7 ta' April 2008 a fol. 1 tal-process fejn espona: -

Illi s-socjeta rikorrenti hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati l-Ufficcju tal-Proprjeta` Industrijali ta' Malta msejha 'NOKIA', liema dritt gie registrat f'Malta fit-tmintax (18) ta' Ottubru elfejn u wiehed (2001), u moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok. "NC 1" u "NC 2");

Illi fl-ghaxra (10) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmienja (2008) r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru TGHU 3616511 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM LYS liema *container* kien fih total ta' sbatax-il elf tliet mija u sittin (17,360) accessorji tal-*mobile phones* konsistenti fi sitt elef u hames mitt (6,500) *pockets*, sebghat elef u hames mitt (7,500) *chargers* u tlett elef, tliet mija u sittin (3,360) *covers* (Dok. "NC3") kollha bil-marka 'NOKIA', u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intellewali;

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* jirrizulta li l-accessorji tal-*mobile* hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li fihom il-marka 'NOKIA' u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Nokia Corporation, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta` intelletwali ta' Nokia Corporation (Dok. 'NC 4');

Illi r-rikorrenti *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta (Dok. "NC 5") sabiex *a tenur* tal-**artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

Illi din il-merkanzija nqabdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa SARL BMF TRADING mill-Algeria, dan skont dak citat fil-polza ta' taghbija numru GZ2198051(Dok. "NC6");

Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 4 tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta**, kif ukoll ta' l-**artikolu 10 (2) (b) ta' l-Att Dwar it-Trademarks (Kap 416)** u huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-**artikoli 14-19 tal-istess Kap 416 u l-artikoli 7 u 8 ta' l-istess Kap 414;**

Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha;

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'accessorji tal-*mobile* senjatament sbatax-il elf tliett mija u sittin (17,360) accessoriji tal-*mobile phones* li fuqhom hemm l-marka 'NOKIA', u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container bin-numru TGHU 3616511 kontenenti l-imsemmija accessorji tal-*mobile*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-*trademarks* taghha 'NOKIA' moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok NC1 u NC2);

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali accessorji tal-*mobile* 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lir-rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-accessorji tal-*mobile*, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez ta' l-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport ta' l-imsemmija accessorji tal-*mobile* ghall-hazna f'Malta qabel

id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni nkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali ta' l-istess accessorji tal-*mobile*.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti *nomine* a fol. 2 u 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa fol. tal-process.

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Dr. Peter Fenech *nomine* datat 7 ta' April 2008 fejn talba lil Qorti joghgobha tahtar kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti prevja l-hrug tas-soliti bandi fl-atti kollha relattivi u ssussegwenti; u l-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Abigail Lofaro nnominat lill-Avukat Dr. Mark Busuttil u lill-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi, u dan bid-digriet taghha moghti fit-28 ta' April 2008.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-21 ta' Ottubru 2008, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat ir-risposta mahlufa tal-istess kuraturi deputati datata 11 ta' Awwissu 2008 a fol. tal-process fejn ecceppew li:-

(1) Illi l-esponenti mhux edott mill-fatti u ghalhekk qed jirrizerva d-dritt li jipprezanta risposta motivata f'stadju ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-21 ta' Ottubru 2008 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet.

Dr. Mark Busuttil ikkonferma li l-intimati ma rrispondewx ghall-komunikazzjoni tieghu dwar din il-kawza. Ghalhekk l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Ottubru 2008.

Rat il-pubblikazzjonijiet kollha li saru.

Rat ix-xhieda kollha prodotti.

Rat l-atti tal-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jirrizulta li s-socjeta’ attrici hija proprjetarja tal-marka “Nokia” registrata Malta (Dok. “NC1” u Dok. “NC 2”) u li fid-9 ta’ Frar 2008 dahal gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta l-*container* bin-numru TGHU 3616511 li fuq il-vapur CMA CGM LYS, u li waqt spezzjoni li saret fit-18 ta’ Frar 2008, instab li kien hemm inter alia fl-istess *container* total ta’ sbatax-il elf tliet mija u sittin (17,360) accessoriji tal-*mobile phones* konsistenti fi sitt elef u hames mitt (6,500) *pockets*, sebghat elef u hames mitt (7,500) *chargers* u tlett elef, tliet mija u sittin (3,360) *covers* (Dok. “NC3”) kollha bil-marka ‘NOKIA’, u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta’ proprjeta` intellewali. Dan jinsab ukoll ikkonfermat mill-affidavit ta’ l-ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. “NC 8”).

Illi s-socjeta’ attrici giet infurmata b’dan fl-10 ta’ Marzu 2008 u mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* jirrizulta li l-accessorji tal-*mobile* hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li fihom il-marka ‘NOKIA’ u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ Nokia Corporation, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ propjeta` intelletwali ta’ Nokia Corporation (Dok. “NC 4” u Dok. “NC 7”).

Illi ghalhekk il-pretensjoni attrici gew lkoll ippruvati u fil-fatt ma huma bl-ebda mod kontradetti u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu hawn milqugha fis-sens hawn deciz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' l-istess, **tilqa' t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'accessorji tal-*mobile* senjatament sbatax-il elf tliett mija u sittin (17,360) accessoriji tal-*mobile phones* li fuqhom hemm l-marka 'NOKIA', u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container bin-numru TGHU 3616511 kontenenti l-imsemmija accessorji tal-*mobile*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-*trademarks* taghha 'NOKIA' moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok NC1 u NC2);

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi fiz-zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza l-istess oggetti hawn indikati konsistenti f'accessorji tal-*mobile*, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez ta' l-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport ta' l-imsemmija accessorji tal-*mobile* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni nkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali ta' l-istess accessorji tal-*mobile*.

Bl-ispejjez kontra l-intimati b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------